

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fis-16 ta' Lulju 2014 – X-Steuerberatungsgesellschaft vs Finanzamt Hannover-Nord**

**(Kawża C-342/14)**

(2014/C 372/04)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzhof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: X-Steuerberatungsgesellschaft

Konvenut: Finanzamt Hannover-Nord

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/36/KE <sup>(1)</sup> jipprekludi restizzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi meta kumpannija ta' konsulenza fiskali mwaqqfa b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tistabbilixxi, fl-Istat Membru fejn hija għandha l-istabbiliment tagħha u fejn l-attività ta' konsulenza fiskali ma hijiex irregolata, dikjarazzjoni fiskali għal destinatarju fi Stat Membru ieħor u tibgħatha lill-awtorità fiskali ta' dan l-Istat Membru l-ieħor, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu tippredvi li, sabiex tkun awtorizzata tippredvi assistenza professjonali fil-qasam fiskali, kumpannija ta' konsulenza fiskali għandha tkun irrikonoxxuta u għandha titmexxa b'mod responsabbli minn konsulenti fiskali?
- 2) Fiċ-ċirkustanzi msemmija hawn fuq fl-ewwel domanda, kumpannija ta' konsulenza fiskali tista' tinvoka b'suċċess l-Artikolu 16(1) u (2) tad-Direttiva 2006/123/KE <sup>(2)</sup>, u dan indipendentement mill-kwistjoni dwar f'liema wieħed miż-żewġ Stati Membri hija tippredvi s-servizz?
- 3) L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, fiċ-ċirkustanzi msemmija hawn fuq fl-ewwel domanda, dan l-artikolu jipprekludi restizzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni applikabbli fl-Istat Membru tad-destinatarju tas-servizz meta l-kumpannija ta' konsulenza fiskali ma tkunx stabbilita f'dan l-Istat?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, p. 22).

<sup>(2)</sup> Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, p. 36).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fl-1 ta' Awwissu 2014 – APEX GmbH Internationale Spedition vs Hauptzollamt Hamburg-Stadt**

**(Kawża C-371/14)**

(2014/C 372/05)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermanja

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: APEX GmbH Internationale Spedition

Konvenut: Hauptzollamt Hamburg-Stadt